Progressivi Moderati

**Dan huwa moviment tal-konsultazzjoni – favur gvernijiet konsultattivi. Għan ewlieni tal-moviment huwa li jippromwovi mudell ta' gvern li jkun viċin tal-imsieħba soċjali, kif ukoll viċin taċ-ċittadini b'konsistenza matul il-leġiżlatura kollha kemm hi, u mhux biss 'b'mod opportunist' qabel xi elezzjoni.**

**Bħala moviment nemmnu li l-konsultazzjoni għandha tkun pedament għat-tmexxija ta' pajjiżna. Aħna favur stil politiku magħmul minn politiċi li jkunu umli biżżejjed li jkunu lesti 'li jisimgħu'.**

**Bħala moviment il-pożizzjoni tagħna hija ċara. Gvern irid jibda jikkonsulta man-nies mill-ewwel ġurnata fil-poter sal-aħħar ġurnata tal-leġiżlatura. Dan il-messaġġ qed jingħad u se jibqa' jingħad lil kull gvern li jkollu l-maġġoranza, ikun x'ikun il-kulur politiku tiegħu.**

**Nemmnu wkoll li jekk qatt kien hemm żmien li kien joffri l-opportunita' biex iseħħ dan it-tip ta' 'iggvernar konsultattiv' huwa propju ż-żmien tal-lum, żmien virtwali iktar minn qatt qabel, fejn il-mezzi tal-komunikazzjoni jistgħu jippermettu li jseħħ dan it-tip ta' 'iggvernar konsultattiv'. Bħala moviment naspiraw li tasal dik il-ġurnata fejn il-konsultazzjoni mal-poplu tkun il-pedament ewlieni li permezz tiegħu jopera l-istat.**

**Dan l-istess moviment huwa mibni fuq il-konsultazzjoni. L-importanti hu li l-persuni li jipparteċipaw ikunu kapaċi jidħlu fi djalogu moderat, edukat u bilanċjat, bil-għan li naslu nidentifikaw x'inhu l-progress, x'inhu l-pass li jmiss, x'hemm bżonn isir, x'soluzzjonijiet jeżistu, liema huma dawk l-ideat li jistgħu jagħmlu minn dan il-pajjiż wieħed speċjali u uniku - pajjiż fl-aqwa tiegħu u b'hekk bħala riżultat tassew dawn il-gżejjer isiru fost l-aqwa pajjiżi biex tgħix fihom fl-Ewropa.**

**Bħala parti mill-moviment aħna lesti li nisimgħu l-esperjenza tagħkom tal-ħajja f'Malta u f'Għawdex sal-inqas dettall... iva sal-inqas dettall ghax jekk verament irridu nkunu fost l-aqwa pajjiżi fl-Ewropa, irridu nagħtu każ kull dettall - kull rokna u kull kantuniera ta' pajjiżna.**

Ejja nieħdu eżempju: ngħidu aħna li mexxej politiku jkun qiegħed jiftaħar kemm huma suċċess dawn il-gżejjer u li aħna diġa' fost l-aqwa pajjiżi biex tgħix fihom fl-Ewropa. Iżda fl-istess ħin inti u ħiereg mill-bieb tad-dar tiegħek, tara Malta oħra, Malta differenti, tara nuqqas ta' progress, tesperjenza l-inġustizzja, tesperjenza soċjeta' li ma tissodisfax l-aspirazzjonijiet tiegħek, tesperjenza l-medjokrita'. Bażikament tara u tesperjenza Malta differenti minn dik li qed jara l-politiku.

F'sitwazzjoni bħal din, x'tiswa l-Malta li qed jara il-politiku, x'tiswa l-opinjoni u l-messaġġ tal-politiku, jekk din mhiex il-Malta li qed tara u tesperjenza int? Dik Malta li qed tesperjenza waqt li sejjer għax-xogħol, waqt li qiegħed issuq, waqt li qiegħed id-dar, waqt li qiegħed mal-ħbieb. Propju minħabba din ir-realta' qegħdin nistednuk biex tkun inti l-għajnejn, l-idejn u l-ħsieb ta' dan il-moviment. Agħmel dan il-moviment tiegħek, qatt tgħid li l-ħsibijiet tiegħek mhumiex validi, jafu jkunu propju l-ideat, ix-xewqat, il-pjanijiet u s-soluzzjonijiet tiegħek li jkunu l-pedament tal-ġejjieni, il-bidu tal-bidla f'pajjiżna.

Il-messaġġ tagħna bħala moviment lil kull ċittadin Malti u Għawdxi huwa dan - kun inti il-protagonist tal-ġejjieni, ċittadin parteċipi b'mod sħiħ fi ħdan din id-demokrazija, wieħed minn dawk il-persuni li tgħin fl-iżvilupp ta' viżjoni progressiva għal dawn il-gżejjer, b'mod kostruttiv, b'mod li jibni fuq it-tajjeb li diġa' nbeda minn gvernijiet preċedenti.

Jekk għandek proposti dwar kif dawn il-gżejjer jistgħu jsiru fost l-aqwa pajjiżi biex tgħix fihom fl-Ewropa u lest li taħdem b'mod proattiv u twassal għall-progress permezz ta' ideat u soluzzjonijiet fl-interess nazzjonali - mela iva, il-Moviment tal-Progressivi u l-Moderati huwa darek.

Żomm kuntatt magħna permezz tas-sit elettroniku www.progress.org.mt, l-indirizz elettroniku contact@progress.org.mt jew in-numru ċellulari 999 777 78.